MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 44/2005

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Peress illi l-konvenut ghandu ihallas lill-attur s-somma ta' sitt u hamsin lira Maltin u tmintax-il centezmu (LM 56.18) dovuti lilu bhala hlas ghal xoghol ta' silencer li sar fuq il-vettura tal-konvenut fuq inkarigu tal-konvenut stess,

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji mibghuta fis-16 ta' Novembru 2004, fit-18 ta' Jannar 2005 u fl-14 ta' Frar 2005 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut gie debitament notifikata bl-avviz fit-20 ta' Mejju 2005;

Ra l-kapitoliipprezentati mill-attur fis-seduta tal-llum

Billi l-konvenut ghalkemm notifikat regolarment ma deherx u dan bla ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM56.18 ammont ta' hlas ghax xoghol fuq silencer bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------